**QORTI KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Att ta' Akkuża Numru 33/2024/1**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**Justin Farrugia**

Illum 12 ta' Ġunju 2025

Il-Qorti,

1. Rat l-Att ta' Akkuża kontra l-akkużat **Justin Farrugia**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 228891(M), li bih huwa ġie akkużat mill-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta bis-segwenti:

**L-Ewwel (1) Kap**
**Pussess tal-pjanta *cannabis* mhux għall-użu esklussiv tiegħu**

**Talli fit-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019) ġewwa l-gżejjer Maltin, kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha u dan meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-tabib prinċipali tal-gvern skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornuta lilu għall-użu tiegħu skont riċetta kif provdut fir-regoli msemmija, b'dan illi r-reat kien wieħed kommess taħt ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.**

**<u>It-Tieni (2) Kap</u>**
**<u>Pussess tad-droga kokajina mhux għall-użu esklussiv tiegħu</u>**

**Talli fit-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019), f'dawn il-gżejjer, kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-**

**Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skont riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, b'dan li r-reat kien wieħed kommess taħt ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.**

**<u>It-Tielet (3) Kap</u>**
**<u>Sewqan ta' vettura b'mod traskurat u perikoluż u bla kont</u>**

**Talli fit-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019), f'dawn il-gżejjer, saq vettura bil-mutur tal-għamla Toyota, bin-numru ta' reġistrazzjoni LCF 228 jew vettura oħra mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan jew vettura bil-mutur jew vettura oħra li ma jkollhiex liċenzja, jew saqha b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż.**

**<u>Ir-Raba' (4) Kap</u>**
**<u>Sewqan ta' karozza mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan</u>**

**Talli fit-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019), f'dawn il-gżejjer, saq vettura bil-mutur tal-għamla Toyota, bin-numru ta' reġistrazzjoni LCF 228 jew vettura oħra mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan jew vettura bil-mutur jew vettura oħra li ma jkollhiex liċenzja, jew saqha b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż.**

**<u>Il-Ħames Kap</u>**
**<u>Sewqan ta' vettura mingħajr ma kienet koperta bil-polza tal-assigurazzjoni</u>**

**Talli fit-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019), f'dawn il-gżejjer, saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni LCF 228, tal-għamla Toyota mingħajr ma**

**kien hemm fis-seħħ polza tal-assigurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni.**

**Is-Sitt Kap**
**B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti kkaġuna ħsara fuq il-vetturi bin-numru ta' reġistrazzjoni HBN 285, KBH 031 u IBW 182**

**Talli fit-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019), f'dawn il-Gżejjer, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, waqt li kien qiegħed isuq vettura tal-għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni LCF 228, ikkaġuna ħruq, jew għamel xi ħsara jew ħassar, jew għarraq il-vetturi KBH 031, IBW 182 u HBN 285, għad-detriment ta' Sharon Bonnici, Maria Theresa Piscopo u Christine Marie Bezzina.**

**Is-Seba' Kap**
**Ħassar ħwejjeġ ħaddieħor b'mod volontarju**

**Talli fit-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019), f'dawn il-gżejjer, volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli ċioè karozza tal-għamla Ford bin-numru ta' reġistrazzjoni MQZ 681 tal-kumpanija Go Hire Limited, fejn l-ammont ta' ħsara ma kienx jiskorri l-elfejn u ħames mitt Euro (€2500), iżda kien iktar minn mitejn u ħamsin Euro (€250).**

**It-Tmien Kap**
**Għamel reżistenza bi vjolenza jew ħebb b'xorta oħra kontra nies inkarigati minn servizz pubbliku**

**Talli fit-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019), f'dawn il-gżejjer, attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza**

**pubblika, kontra persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienet qed taġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti.**

Id-Disa' Kap
Sewqan ta' karozza kontra s-sinjali tat-traffiku

**Talli fit-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019), f'dawn il-gżejjer, waqt li kien qiegħed isuq karozza LCF 228 tal-għamla Toyota saq b'mod li kiser sinjal li juri li ma hemmx dħul hekk kif indikat f'dik il-lokalita'.**

L-Għaxar Kap
Ħasil ta' flus derivanti mill-kriminalita'

**Talli f'dawn il-Gżejjer, matul ix-xahar ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019) u/jew fix-xhur u/jew fis-snin ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jkunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, ikkommetta d-delitt ta' *money laundering* billi wettaq:**

**(i) il-konversjoni jew trasferiment ta' proprjeta' meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li dik il-proprjeta' tkun direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta' attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita' kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra ta' l-oriġini tal-proprjeta' jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attivita' kriminali;**

**(ii) il-ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispożizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjeta', meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li dik il-proprjeta'**

**tkun inkisbet direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita' kriminali;**

**(iii) l-akkwist, pussess jew użu ta' proprjeta' meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li l-istess proprjeta' tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita' kriminali;**

**(iv) ir-ritenzjoni mingħajr skuża raġonevoli ta' proprjeta' meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li l-istess proprjeta' tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita' kriminali;**

**(v) it-tentattiv ta' xi ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii) u (iv) ta' hawn fuq;**

**(vi) l-aġir bħala kompliċi rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) ta' hawn fuq.**

2. Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-akkużat Justin Farrugia, flimkien mal-Lista tax-Xhieda u l-Lista ta' Dokumenti ppreżentati fil-11 ta' Settembru 2024.[1]

3. Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fil-11 ta' Diċembru 2024[2] għan-Nota ta' Eċċezzjonijiet tal-akkużat Justin Farrugia.

4. Rat l-atti proċesswali kollha, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni sabiex tindaga dwar l-eċċezzjonijiet li jridu jiġu deċiżi.

---

[1] *A fol.* 43 *et seq.*
[2] *A fol.* 64 *et seq.*

5. Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

6. Illi din hija sentenza dwar l-eċċezzjonijiet preliminari li l-akkużat f'dan il-każ ressaq fin-Nota tiegħu hawn fuq imsemmija. Għal kull buon jingħad li l-atti tal-kumpilazzjoni f'dan il-każ huma tnejn: wieħed bin-numru 404/2019 li jirrigwarda lil Justin Farrugia waħdu u ieħor bin-numru 319/2021 li jirrigwarda lil Yasmin Dimech u lil Justin Farrugia fejn fl-20 ta' Marzu 2024 il-Prosekuzzjoni talbu lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja li jkun hemm separazzjoni tal-ġudizzju bejn Yasmin Dimech u Justin Farrugia, liema talba ġiet milqugħa b'dan illi l-proċeduri separati kontra Justin Farrugia ġew mogħtija n-numru 236/2024.

7. Illi qabel tipproċedi ulterjorment ikun opportun li din il-Qorti tinnota li l-eċċezzjonijiet tal-akkużat huma maqsuma fi tnejn: Parti "A" u Parti "B". Filwaqt li Parti "A" ġġib it-titolu "Dwar l-Inammissibilita' ta' Provi fil-atti kumpilatorji bin-numru 319/2021" fejn fiha hemm erba' eċċezzjonijiet enumerati minn numru wieħed (1) san-numru erbgħa (4), Parti "B" ġġib it-titolu: "Dwar l-Inammissibilita' ta' Provi fil-atti kumpilatorji bin-numru 404/2019" f'liema parti hemm eċċezzjoni waħda biss bin-numru wieħed (1).

**Ikkunsidrat**

**<u>Parti A (Dwar l-Inammissibilita' ta' Provi fl-atti kumpilatorji bin-Numru 319/2021)</u>**

**<u>L-Ewwel Eċċezzjoni</u>**

8. Illi fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu, l-akkużat jeċepixxi l-inammissibbilta' ta' kwalunkwe stqarrija u dikjarazzjoni verbali rilaxxata minn Yasmin Dimech fil-konfront tiegħu minħabba li hija ko-akkużata u kif ukoll minħabba l-istatus tagħha ta' koabitanti tiegħu. Jisħaq li semmai kwalsiasi prova naxxenti minn

tali stqarrija u dikjarazzjoni verbali tagħmel prova biss fil-konfront tagħha. Fis-sottomissjonijiet bil-fomm li nstemgħu quddiem din il-Qorti ngħad ukoll li Dimech hija omm iż-żewġt ulied tal-akkużat.

9. Illi għal din l-eċċezzjoni, fir-Risposta tiegħu l-Avukat Ġenerali jwieġeb billi jgħid li konfessjoni tista' tintuża biss kontra minn jagħmilha u ma sservix ta' preġudizzju kontra terzi. Ikompli li Yasmin Dimech hija mixlija biss b'*money laundering* u għalhekk hu evidenti allura li dik l-istqarrija ma tistax la tintwera lill-ġurati u anqas ma tista' tintuża kontra l-akkużat. Jisħaq li dik l-istqarrija għandha sservi biss ai fini ta' kontroll u fl-eventwalita' li tixhed Yasmin Dimech waqt il-ġuri. Jgħid li fit-termini ta' Artikolu 635 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, Yasmin Dimech jirriżulta li hija koabitanti allura ma tistax tinġieb bħala xhud kontra l-akkużat f'dawn il-proċeduri u jitlob li din il-kwistjoni tiġi sorvolata waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri fejn jekk Yasmin Dimech tkun għadha tikkoabita mal-akkużat għandu jiġi applikat Artikolu 635. Jispjega li x'aktarx meta jseħħ dan il-ġuri, Yasmin Dimech mhux ser tkun għadha ko-akkużata u allura tkun tista' tiġi prodotta bħala xhud fil-proċeduri kontra l-akkużat Farrugia u dan dejjem jekk ma tkunx għadha tgħix mal-akkużat.

10. Illi din il-Qorti tibda billi tinnota li *a fol.* 585 *et seq.* (Vol. III tal-atti tal-kumpilazzjoni bin-numru 319/2021 ossia 236/2024) hemm traskrizzjoni tal-istqarrija ta' Yasmin Dimech fejn hija għażlet li ma tweġibx għad-domandi magħmula lilha għajr għal dawk li jirrigwardaw l-identita' tagħha u jekk ġietx mogħtija lista tad-drittijiet tagħha, jekk ingħatax twissija u jekk ingħatax dritt li tikkonsulta mal-avukat tagħha.

11. Illi jkun opportun li din il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-5 ta' Marzu 2021 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Rita Bonnici et** fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali qalet is-segwenti:

> "Dwar imbagħad ix-xhieda mogħtija minn Eric James Bonnici, Joseph Zammit, Johnathon Abela, Rita Bonnici u

Francesca Zammit, u ċioè minn dawn il-persuni li huma lkoll akkużati in konnessjoni ma' din l-istess ġlieda, u li l-istess każ għadu mhux deċiż, għandha ssir referenza għal dak li ntqal minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet, **Il-Pulizija (Spettur Jeffrey Scicluna, Spettur Priscilla Caruana Lee) vs. Omissis, Anthony Galea** fil-25 ta' Marzu, 2019:

> *"Id-difiża tal-imputat sostniet li l-istqarrija tal-ko-imputat ma hiex ammissibbli bħala prova f'din il-kawża. L-artikolu 658 huwa pjuttost ċar fir-regoli li jistabbilixxi dwar meta u fejn stqarrija ta' ko-akkużat hija ammissibbli bħala prova favur jew kontra ko-akkużat ieħor, u f'liema kontest ko-akkużat jista' jixhed fil-konfront ta' ko-akkużat ieħor.*
>
> *Dak enunċjat fl-Artikolu 636(a) u (b) tal-Kodiċi Kriminali, u anke minn ġurisprudenza tal-Qrati tagħna juru fejn ix-xhieda tal-ko-akkużat ma tikkostitwixxi ebda prova, la kontra u lanqas favur l-akkużat jew l-akkużati l-oħra, u b'hekk mhux ammissibbli bħala tali.*
>
> *Din ir-regola hija desunta a contrario sensu minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) tal-artikolu 636, fis-sens li l-ko-akkużat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkużat, biss wara illi l-każ fil-konfront tiegħu jkun ġie definittavament deċiż. Fil-każ odjern, il-każ kontra l-ko-akkużat Gilbert Galea għadu mhux deċiż.*
>
> *Id-difiża ssostni li hawn tapplika r-regola indikata, u b'hekk dak kollu li qal il-ko-imputat mhux ammissibbi fil-konfront ta' xulxin.*
>
> *Il-Qrati tagħna kellhom l-opportunità li jippronunzjaw ruħhom fuq dan il-prinċipju f'diversi każijiet fosthom **Sua Maesta r-Re vs. Carmelo***

***Cutajar ed altri**, Qorti Kriminali 18 ta' Jannar, 1927; **Il-Pulizija vs. Toni Pisani** Appell Kriminali 11 ta' Novembru, 1944; **Il-Maesta tiegħu r-Re vs. Karmenu Vella**, Qorti Kriminali 3 ta' Dicembru, 1947; **The Police vs. Alfred W. Luck et**, Appell Kriminali 25 ta' April, 1949; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Faustino Barbara**, Appell Kriminali 19 ta' Jannar, 1996; **Il-Pulizija vs. Nasher Eshtewi Be Hag et**, Appell Kriminali 2 ta' Frar, 1996; **Il-Pulizija vs. Carmelo Camilleri u Theresa Agius**, Appell Kriminali 11 ta' Lulju, 1997, u **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Zammit et** Appell Kriminali 31 ta' Lulju, 1998, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ian Farrugia**, Qorti Kriminali Digriet Datat 22 ta' Diċembru, 1998.*

*Din ir-regola ġiet interpretata u estiża mill-ġurisprudenza biex anki tkopri każijiet fejn persuni li jkunu akkużati bl-istess reat imma fi proċeduri separati ma jkunux meqjusa bħala xhieda kompetenti u produċibbli kontro ġol-akkużati jew ko-imputati oħrajn, ħlief meta l-proċess tax-xhud ikun ġie deċiż definittivament.*

*Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs. Omissis u Saada Sammut"** spjegat li:*

*"Hekk di fatti kien ġie ritenut mill-Qorti Kriminali b'Digriet tat-22 ta' Diċembru, 1998 fil-kawża **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ian Farrugia"**. Dik il-Qorti, f'dak id-Digriet, wara li għamlet riferenza għall-ġurisprudenza hemm ċitata, rriteniet li persuna li tkun akkużata, kemm bħala kompliċi kif ukoll bħala ko-awtur, bl-istess reat miġjub kontra dak l-akkużat l-ieħor ma tistax tinġieb bħala xhud favur jew kontra dak l-akkużat l-ieħor sakemm il-każ tagħha ma jkunx ġie definittivament deċiż u li dan il-prinċipju japplika sija jekk dik il-persuna tkun ġiet*

*akkużata fl-istess kawża tal-akkużat l-ieħor – b'mod li jkun hemm "ko-akkużati" fil-veru sens tal-kelma – u sija jekk tkun akkużata fi proċeduri separati. Il-bażi ta' dan il-prinċipju hu l-argument "a contrario sensu" li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali. Konsegwentement dik il-Qorti kienet iddeċidiet li dak ix-xhud li kien akkużat bħala ko-awtur bl-istess reat li bih l-akkużat kien jinsab akkużat, ma hux kompetenti li jixhed, qabel ma l-każ tiegħu jgħaddi in ġudikat. (Ara ukoll fl-istess sens Digriet tal-Qorti Kriminali fil-kawża* ***"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Brian Vella"*** *[4.2.2004] u oħrajn). L-unika eċċezzjoni għal dir-regola hi proprju dik kontenuta fl-art. 636(b) li tirrendi tali xhud kompetenti biex jixhed għalkemm ikun imputat tal-istess reat li fuqu tkun meħtieġa x-xhieda tiegħu, meta l-Gvern ikun wegħdu jew tah l-impunita' sabiex hekk ikun jista' jixhed."*

*Il-Qorti tagħmel referenza ukoll għad-digriet imsemmi fid-deċiżjoni appena kwotata liema digriet ingħata fit-22 ta' Diċembru 1998 fil-kawża* ***"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ian Farrugia"****, fejn il-Qorti Kriminali qalet hekk:*

*"Il-ġurisprudenza hi ċara fuq dan il-punt: persuna li tkun akkużata, kemm bħala kompliċi kif ukoll bħala ko-awtur, bl-istess reat miġjub kontra akkużat ieħor ma tistax tinġieb bħala xhud favur jew kontra dak l-akkużat l-ieħor sakemm il-każ tagħha ma jkunx ġie definittament deċiż. Dan il-prinċipju japplika sia jekk dik il-persuna tkun ġiet akkużata fl-istess kawża tal-akkużat l-ieħor – b'mod li jkun hemm "ġol-akkużati" fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun akkużata fi proċeduri separati.*

*Il-Qorti tagħmel referenza wkoll għas-segwenti deċiżjonijiet:*

***R. v. Filippo Pace**, Qorti Kriminali, 14/11/1890, Kollezz. Deċiż. XII.531l; **P. v. Toni Pisani** App. Krim., 11/11/1944, Kollezz. Deċiż. XXXII.iv.792; **R. v. Karmnu Vella**, Qorti Kriminali, 3/12/47, Kollezz. Deċiż. XXXIII.iv.547; **P. v. Alfred W. Luck et**, App. Krim., 25/4/1949, Kollezz. Deċiż. XXXIII.iv.870, u **Rep. v. Domenic Zammit et**, Qorti Kriminali, 15/12/1997 kif integrati bid-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali l-istess ismijiet tal-31/7/1998. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Zammit et"** stqarret li:*

*"Kwantu għal dawk ix-xhieda li qed jintalbu mill-ko-akkużati, il-ġurisprudenza, ibbażata kemm fuq il-liġi kif ukoll fuq il-buon sens, hi ċara. Persuna li tkun akkużata, kemm bħala kompliċi kif ukoll bħala ko-awtur, bl-istess reat miġjub kontra akkużat ieħor ma tistax tinġieb bħala xhud favur jew kontra dak l-akkużat l-ieħor sakemm il-każ tagħha ma jkunx ġie definittivament deċiż. Dan il-prinċipju japplika sia jekk dik il-persuna tkun akkużata fl-istess kawża tal-akkużat l-ieħor – b'mod li jkun hemm "ko-akkużat" fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun ġiet akkużata fi proċeduri separati. Fi kliem il-kompjant Imħallef William Harding:*

*"Maltese law, in fact, in section 632, Chapter 12 (Illum 636; Kap. 9), considers as incompetent to give evidence (except of course, on his own behalf) anyone charged with the same offence in respect of which his deposition is required, unless the proceedings against him are put an end to. Maltese law does not make any distinction as to whether the evidence of the codefendant is required by the prosecution or by another defendant.""*

*Il-Qorti tagħmel referenza għad-digriet datat 4 ta' Frar, 2004, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs.***

***Brian Vella**. Permezz ta' dan id-digriet, il-Qorti Kriminali ordnat illi l-ġuri ta' Brian Vella jiġi xolt, u dan a bażi tal-fatt illi x-xhud Domenic Bonnici, illi kien akkużat bl-istess reati bħall-akkużat, kien għadu ma għaddiex proċeduri, u għalhekk mhux xhud ammissibbli, kontra jew favur l-akkużat ai termini tal-Kodiċi Kriminali: "persuna li tkun akkużata, kemm bħala kompliċi kif ukoll bħala koawtur, bl-istess reat miġjub kontra l-akkużat l-ieħor ma tistax tinġieb bħala xhud favur jew kontra l-ieħor sakemm il-każ tagħha ma jkunx ġie definittivament deċiż u li dan il-prinċipju japplika sija jekk dik il-persuna tkun ġiet akkużata fl-istess kawża tal-akkużat l-ieħor b'mod li jkun hemm ko-akkużati fil-veru sens tal-kelma u sia jekk tkun akkużata fi proċeduri separati'.*

*Il-Qorti tagħmel referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Carmelo Camilleri u Theresa Agius** tal-Imħallef Vincent DeGaetano tal-11 ta' Lulju, 1997:*

*"Hu prinċipju elementari tad-dritt ta' proċedura penali tagħna li dak li jistqarr ko-akkużat, sia jekk bil-fomm biss u sia jekk bil-miktub, ma jagħmilx prova la favur u anqas kontra ko-akkużat ieħor. Dan il-prinċipju jitnissel kemm mill-Artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll mill-Artikolu 636(b) tal-imsemmi Kodiċi. Infatti l-ġurisprudenza tagħna rrikonoxxiet ukoll l-inammissibilita' tax-xhieda tal-ko-akkużat kemm-il darba l-każ tiegħu ma jkunx ġie definittivament konkluż".*

*Il-Qorti tfakkar f'Artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali fejn hemm imniżżel li "Konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra.""*

12. Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel tagħha dak ċitat hawn fuq pero' fl-istess waqt hija tal-fehma li għadu prematur li f'dan l-istadju din il-Qorti taderixxi ma' dak imsemmi mill-akkużat fl-eċċezzjoni in eżami u dana peress li sakemm jiġi ċelebrat il-ġuri jistgħu jseħħu dak li l-Avukat Ġenerali jsemmi fir-Risposta tiegħu dwar din l-eċċezzjoni. Għaldaqstant l-eċċezzjoni in eżami qed tiġi miċħuda.

**Ikkunsidrat**

**Parti A (Dwar l-Inammissibilita' ta' Provi fl-atti kumpilatorji bin-Numru 319/2021)**

**It-Tieni Eċċezzjoni**

13. Illi fit-tieni eċċezzjoni tiegħu l-akkużat jeċepixxi l-inammissibilita' tal-istqarrija rilaxxata minnu fis-17 ta' Ottubru 2014 u dana minħabba li ma ġiex mogħti l-jedd tal-assistenza legali waqt l-interrogazzjoni. Jisħaq li l-istqarrija tikser il-jeddijiet fundamentali tiegħu bil-konsegwenza li ma għandhiex tittieħed in konsiderazzjoni mill-ġurati.

14. Illi dwar din l-eċċezzjoni, fir-Risposta tiegħu l-Avukat Ġenerali jirrimetti ruħu għas-savju ġudizzju ta' din il-Qorti.

15. Illi qabel tipproċedi ulterjorment dwar l-eċċezzjoni in eżami jkun opportun li din il-Qorti tinnota li kwasiasi allegazzjoni li nkissru l-jeddijiet fundamentali tal-akkużat ma humiex ta' kompetenza ta' din il-Qorti b'dan illi mhuwiex il-kompitu tagħha li tagħmel dikjarazzjoni f'dan ir-rigward.

16. Illi minkejja li l-akkużat jeċċepixxi l-inammissibilita' tal-istqarrija rilaxxata minnu u jagħmel riferenza għad-data tas-17 ta' Ottubru 2014 u *a fol.* 449 tal-atti proċesswali għandu jiġi nnutat li huwa ma rrilaxxa l-ebda stqarrija dakinhar tas-17 ta' Ottubru 2014 pero' din ġiet rilaxxata l-għada ossia fit-18 ta' Ottubru 2014 b'dan illi *a fol.* 449 (Vol. III tal-atti tal-kumpilazzjoni bin-numru 319/2021 ossia 236/2024) hemm dikjarazzjoni ta' rifjut għal jedd għal parir

legali li tagħmel riferenza għas-17 ta' Ottubru 2014 u *a fol.* 450 *et seq.* (Vol. III tal-istess atti tal-kumpilazzjoni msemmija) hemm l-istqarrija in kwistjoni.

17. Illi għal kull buon fini jingħad li fiż-żmien li l-akkużat ġie mitlub jirrilaxxa l-istqarrija hawn fuq imsemmija ma kienx għadu daħal fis-seħħ id-dritt li waqt it-teħid ta' tali stqarrija huwa jkollu preżenti miegħu avukat tal-għażla tiegħu. Apparti minn dan, din il-Qorti hija konxja tal-ġurisprudenza li ngħatat f'dan ir-rigward tul is-snin.

18. Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-4 ta' Ottubru 2023 fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Omar Bah** (Numru 10/2018) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) dwar eċċezzjoni simili għal dik odjerna mqajjma mill-akkużat spjegat hekk:

> "11. Now although it is amply clear from the evidence found in the acts that accused was administered his rights at law as applicable at the time, and although it is also uncontested that he availed himself of such right before being questioned by the police, however there is no evidence in writing of this request as outlined in article 355AT. This being premised, however, as the Attorney General rightly points out respondent's plea is directed towards the lack of legal assistance during interrogation and not prior to being questioned, the manner and duration of the exercise of this right not being put into question by accused himself.
>
> 12. Now, accused in this case, as in the other cases cited by the Criminal Court in its judgment, does not attack the probative value of the statements on any particular rule of penal law empowering the Court to reject it, but relies solely on the presumption that admitting this piece of evidence would prejudice his right to a fair hearing, having been denied the right to have his lawyer present during interrogation, resulting therefore, in his opinion,

to a denial of his right to mount a defence in a situation where incriminating statements were made to the police.

13. Reference is being made to two recent judgments which, in this Court's opinion, shed a clear light on the correct interpretation of how a statement released by a suspect without legal assistance at interrogation stage should be considered, when assessing the weight to be given to this piece of evidence.

14. "**Farrugia vs. Malta**" (63041/13) decided on the 7th. October 2019 and "**Stephens vs. Malta**" (35989/14) decided on the 14th. January 2020, set out the principle that 'systematic restrictions on the right of access to a lawyer did not lead to an *ab initio* violation of the right to a fair hearing'. These judgments confirmed the position taken by the Grand Chamber in the *Beuze* (9th. November 2018) case that in order to establish whether a statement taken without the assistance of a lawyer is deemed to violate the accused's constitutional right to a fair hearing, one must apply a two-stage test, namely whether there are compelling reasons to justify the restriction, together with an examination of the overall fairness of the proceedings, the Court thus establishing a test to be carried out on a case-by case basis, rather than laying out general rules and principles which are to govern this alleged violation where the right to legal assistance has been withheld. Each case, thus, has to be examined on its own merits by applying the *Beuze* guidelines to the specific facts presented in every individual case being assessed.

15. Regarding the first test relating to the concept of 'compelling reasons' the European Court in the above-mentioned cases stated that:

***"The fact that there is a general and mandatory restriction on the right of access to a lawyer, having a***

***statutory basis, does not remove the need for the national authorities to ascertain, through an individual and case-specific assessment, whether there are any compelling reasons. Where a respondent Government have convincingly demonstrated the existence of an urgent need to avert serious adverse consequences for life, liberty or physical integrity in a given case, this can amount to a compelling reason to restrict access to legal advice for the purposes of Article 6 of the Convention***".

16. Referring to the domestic case in issue, it is clear that this test has not been satisfied, since no compelling reason was put forward to justify the lack of the presence of a lawyer during interrogation, other than the fact that it was not permissible by law at the time when it was released by accused.

17. However this test alone does not automatically render such a statement inadmissible at law since the second test laid out by the ECtHR has to be overcome when deciding whether a statement should or should not be expunged from the records of the proceedings. The 'overall fairness' assessment of the proceedings must be examined in order to assess the weight which is to be given to the statement released at interrogation stage, as a piece of evidence when reaching judgement. The ECtHR provided the following non exhaustive list of factors to be taken into account.

> *(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*
>
> *(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly*

*unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

*(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

*(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

*(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

*(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*

*(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

*(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*

*(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice (ibid., § 150).*

18. Since in the present case the proceedings are still at pretrial stage it would be outside the remit of this Court, at this juncture, to examine whether these criteria have been satisfied since the trial has not taken place, and also because the Court cannot, at this stage enter into the merits of the case and comment on the weight to be given to any evidence found in the acts, such exercise entrusted solely to the jury at the trial, with this Court also precluded from addressing any matter having constitutional ramifications. Having thus premised, however, if at this stage of the proceedings it results to the Court that any one or more of the criteria laid out by the ECtHR constitute a serious and blatant prejudice to the administration of justice then this would justify the expunging of the statement released by the accused from the acts prior to the celebration of the trial by jury, and this in the supreme interest of justice.

19. In this particular case, however, during committal proceedings, accused did not allege that the police had exerted pressure on him during interrogation, or that his statement was obtained by means of promises or suggestions of favour. He did not allege that he was in a vulnerable state prior to releasing his statement, nor did he allege that he was not explained his rights at law, foremost amongst which his right to silence. Moreover, it does not appear that accused is alleging that his statement was released in violation of article 658 of the Criminal Code. Neither did accused, during committal proceedings, request to bring forward any evidence suggesting otherwise and this as was his right in terms of article 405(5) of the Criminal Code.

[…]

22. The Court thus concludes that each and every case has to be examined on its own merits taking into account the particular circumstances in which the statement was released by the accused. In this case accused failed to show, at this stage of the proceedings, the manner in which his statement released during interrogation is going to seriously prejudice his right to a fair hearing. The fact that the statement was given in the absence of a lawyer does not in itself, in the light of the circumstances relevant to this case, render this evidence inadmissible at law."

19. Illi din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija fl-4 ta' Ottubru 2023 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Matthew Zarb et** (Numru 17/2013) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet hekk:

"19. "**Farrugia vs. Malta**" (63041/13 deċiża fis-7 ta' Ottubru 2019) u "**Stephens vs. Malta**" (35989/14) deċiża fl-14 ta' Jannar 2020, fasslu il-prinċipju illi ***'systematic restrictions on the right of access to a lawyer did not lead to an ab initio violation of the right to a fair hearing'***. Dawn is-sentenzi jikkonfermaw il-ħsieb adottat preċedentement mill-QEDB fil-każ *Beuze* fejn kien stabbilit illi sabiex ikun determinat jekk l-istqarrija rilaxxata mingħajr l-assistenza ta' avukat twassalx għal vjolazzjoni tad-drittijiet tal-akkużat għal smigħ xieraq, irid ikun investigat jekk kienx hemm raġunijiet impellenti li jiġġustifikaw din ir-restrizzjoni, u ukoll għandu jkun mistħarreġ il-kriterju tal-hekk imsejjaħ *"overall fairness"* tal-proċeduri fl-intier tagħhom. Illi allura l-QEDB dejjem saħħqet illi l-evalwazzjoni dwar jekk seħħitx din il-vjolazzjoni ssir in bażi għaċ-ċirkostanzi fattwali u legali partikolari għall-kull każ u li għalhekk mhux possibbli li jittieħed approċċ uniku u uniformi b'mod ġenerali applikabbli għal każijiet kollha billi kull każ irid ikun eżaminat għalih, kif ingħad.

[....]

23. Issa ġaldarba f'dan il-każ, il-proċeduri għadhom fi stadju bikri fejn għad irid jkun iċċelebrat il-ġuri, il-Qorti, ma għandhiex is-setgħa li teżamina Hi jekk dawn il-kriterji hawn fuq iċċitati humiex sodisfatti u dan għaliex, kif ingħad, il-ġuri għadu ma seħħx, b'din il-Qorti, u il-Qorti Kriminali, qabilha ma tistax f'dan l-istadju tidħol biex teżamina il-mertu tal-każ u tikkumenta fuq l-evidenza ikkumpilata, billi dan l-eżerċizzju għandu ikun rimess unikament f'idejn il-ġurija popolari, kif lanqas tista' din il-Qorti tidħol biex teżamina vjolazzjonijiet ta' xejra kostituzzjonali. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti hija tal-fehma illi huwa biss fis-sitwazzjoni fejn jirriżultalha, f'dan l-istadju, li huwa evidenti li xi waħda jew aktar mill-kriterji hawn fuq stabbiliti ma jistgħux ikunu sodisfatti, u li allura jkun hemm il-periklu li jseħħ preġudizzju serju lejn l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, illi jista' jkun ġustifikat it-twarrib tal-istqarrija mill-atti u dan qabel ma jkun ċċelebrat il-ġuri.

[....]

30. Għalhekk magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, l-aggravju sollevat mill-Avukat Ġenerali jistħoqqlu akkoljiment b'dan illi fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, wara li jinstemgħu il-provi kollha, fl-indirizz finali, l-Imħallef togat għandu jagħti dik id-direzzjoni opportuna lil ġurati dwar il-valur probatorju tal-istqarrijiet rilaxxati mill-appellati odjerni jekk jirriżulta illi dawn ma ttieħdux skont il-liġi, jew jekk javveraw irwieħhom dawk iċ-ċirkostanzi elenkati fil-linji gwida stabbiliti fid-deċiżjoni *Beuze* hawn fuq iċċitata. Fuq kollox, għall-appellati dejjem jibqgħalhom id-dritt li jitolbu reviżjoni tal-verdett u s-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-eventwalita' li jkun hemm dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tagħhom."

20. Illi din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija fil-31 ta' Mejju 2023 fl-ismijiet **Emmanuele Spagnol v. L-Avukat Ġenerali et** (Numru 16/2018/1) fejn il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

> "10. Il-Qorti tagħraf li kemm fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti u kif ukoll fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, il-fatt waħdu li s-suspettat ma kellux il-possibilità li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni ma jfissirx awtomatikament li l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu illeda, jew x'aktarx ser jilledi, id-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq. Dan fil-fatt jaċċettah l-attur stess.
>
> [...]
>
> 15. Essenzjalment din id-difiża hija msejsa fuq il-premessa illi allegazzjoni ta' nuqqas smigħ xieraq teħtieg li l-proċess li minnu jkun qed isir l-ilment jiġi eżaminat fit-totalita' tiegħu u mhux jiġi maqsum u jsir enfasi fuq inċident wieħed partikolari.
>
> 16. Naturalment ladarba f'dan il-każ il-proċess kriminali għadu ma ġiex mitmum, għadu mhux magħruf kif u taħt liema ċirkostanzi l-appellant ser jiġi żvantaġġjat. Huwa ċertament barra minn loku illi l-ilment *de quo agitur* jiġu diskussi f'dan l-istadju *in vacuo*. Il-Qorti Kriminali għadha trid tevalwa l-istqarrijiet li saru u jekk saru jkunx hemm vjolazzjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq minħabba l-mod kif ittieħdu tenut kont iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jvarjaw minn każ għall-ieħor. Hemmx leżjoni tad-dritt għalhekk ser jiddependi mill-mod kif il-Qorti Kriminali tkun trattat l-istqarrijiet u l-piż mogħtija lilhom fl-assjem tal-provi kollha. Għal dak li jiswa jista' jkun il-każ li l-Qorti Kriminali fl-aħħar mill-aħħar ma ssibux ħati u għalhekk ħafna mill-preokupazzjonijiet tiegħu dwar l-istqarrijiet jisfaw fix-xejn. Dan biex ma jingħadx ukoll li anke wara s-sentenza tal-Qorti

> Kriminali hemm il-possibbilita' li jsir appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, li għandha s-setgħa li ddawwar l-affarijiet. Jiġi b'hekk, li l-ilment jekk seħħx virtwalment xi ksur ta' drittijiet fundamentali f'dan l-istadju huwa għal kollox prematur.
>
> 17. L-appellant ma jistax jagħmilha bħala fatta li huwa mhuwiex sejjer ikollu smigħ xieraq minħabba l-mod ta' kif ittieħdet l-istqarrija tiegħu. Ladarba l-proċeduri kriminali għadhom mexjin, allura huwa jgawdi mill-preżunzjoni tal-innoċenza. Tassew il-prosekuzzjoni għad trid tipprova l-akkuzi tagħha kontra tiegħu u l-istess akkużat għad għandu kull opportunita' li jiddefendi lilu nnifsu.
>
> 18. Għalhekk il-fatt waħdu li saru stqarrijiet ma ssostnix l-ilment ta' ksur ta' jedd ta' smigħ xieraq għaliex din waħidha mhijiex determinanti tal-kwistjoni minnu sollevata, b'dana li l-ilment huwa għal kollox intempestiv u prematur."

21. Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad fis-sentenzi kkwotati hawn fuq, din il-Qorti tinnota li minn analiżi li għamlet tal-atti proċesswali, b'mod partikolari tal-istqarrija rilaxxata mill-akkużat ma jirriżultax li din l-istqarrija ttieħdet permezz ta' xi forma ta' pressjoni eżerċitata mill-Pulizija. Din il-Qorti tinnota li l-akkużat ma lmentax li kien vulnerabbli. Wieħed lanqas jista' jgħid li l-Pulizija naqsu milli jispjegaw id-drittijiet li kellu l-akkużat. Lanqas ma jirriżulta li tali stqarrija ittieħdet bi ksur ta' Artikolu 658 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Finalment lanqas jirriżulta li l-akkużat talab li jressaq xi evidenza sabiex jipprova li l-istqarrija tiegħu li qed jitlob li l-inammissibilita' tagħha ttieħdet bi ksur tal-istess Artikolu 658.

22. Illi b'hekk isegwi li t-tieni eċċezzjoni mressqa mill-akkużat qed tiġi miċħuda wkoll.

**Ikkunsidrat**

**<u>Parti A (Dwar l-Inammissibilita' ta' Provi fl-atti kumpilatorji bin-Numru 319/2021)</u>**

**<u>It-Tielet Eċċezzjoni</u>**

23. Illi fit-tielet eċċezzjoni l-akkużat jeċċepixxi l-inammissibilita' tal-kompendju tal-assi kumpilati mid-Dipartiment tal-Irkupru tal-Assi u dan għax jisħaq li huwa *detto del detto* kif ukoll għal fatt li dan l-istess rapport ma ġiex konfermat mill-istess Direttur.

24. Illi għal din l-eċċezzjoni l-Avukat Ġenerali jwieġeb billi jirreferi għad-definizzjoni tal-kelma "Direttur" taħt Artikolu 2 tal-Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta. Jispjega li la din id-definizzjoni tinkorpora fiha membri tal-persunal tad-Direttorat li jkunu awtorizzati mid-Direttur mela allura ma hemmx il-ħtieġa li r-rapport jiġi kkonfermat mid-Direttur. Jisħaq li jkun biżżejjed li jiġi preżentat u kkonfermat minn rappreżentant tal-Uffiċċju. Dwar il-kwistjoni jekk ir-rapport in kwistjoni huwiex *detto del detto* jgħid li ladarba dan ġie kompilat skont il-liġi jsegwi li huwa ammissibbli.

25. Illi r-rapport *ossia* l-kompendju tal-assi tal-akkużat li huwa jagħmel riferenza għalih fl-eċċezzjoni in eżami jinsab *a fol.* 471 *et seq.* (Vol. III tal-atti tal-kumpilazzjoni bin-numru 319/2021 ossia 236/2024). Dwar il-kwistjoni jekk ir-rapport huwiex ammissibbli minħabba li allegatament huwa *detto del detto* din il-Qorti tinnota li meta wieħed jikkontesta evidenza minħabba li fil-fehma tiegħu din hija *detto del detto* huwa jkun qed jikkontesta l-valur probatorju ta' tali evidenza. Issa sabiex evidenza titqies inammissibbli hija dipendenti fuq jekk hemmx xi dispożizzjoni tal-liġi li tistabbilixxi tali inammissibilita'. F'dan ir-rigward, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-22 ta' Ġunju 2022 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Anthony Bugeja et** (Numru 9/2008), fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet hekk:

> "11. Illi fir-rigward tal-prinċipju regolatur dwar l-ammissibilita' ta' prova fil-proċess penali, prova ma titqiesx li hija inammissibbli sakemm ma jkunx hemm xi

dispożizzjoni espressa tal-liġi li tipprekludi l-ammissjoni ta' dik il-prova."

26. Illi din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Vincent Farrugia et** (Numru 17/2022) fejn dwar *hearsay evidence*, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) qalet hekk:

"23. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Janis Caruana** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano l-kwistjoni tal-***hearsay evidence*** kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod:

21. Bir-rispett kollu, il-*hearsay rule* tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:

'599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'

22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:

'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identità ta' dan il-ħaddieħor. Ċertament il-kliem ta' dan il-

ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi mill-konklużjoni tal-ewwel qorti (li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23. Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-*hearsay* m'għadhiex stretta daqs qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ 'AlKhawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in AlKhawaja's case and T's statement in Tahery's case.'

24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9-19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni tal-artikolu 6 (ara par. 158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant.

> Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorrobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC). Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' *laptop*. Terġa' min għamel ir-rapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.
>
> 26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kapitolu 12 res applikabbli għall-Kap. 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

24. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti:

> Li l-artikoli relevanti dwar il-*Hearsay Rule* huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap. 12 reżi applikabbli għall-Kap. 9 bl-artikolu 645 tal-Kap. 9.
>
> Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-*hearsay rule* f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:

'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew *social worker*, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap. 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-*hearsay rule* fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U fil-fatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi l-każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun *hearsay*, tista' tkun prova diretta li

ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa fl-istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu l-prattika dwar il-*hearsay rule*. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:

'Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorrenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova *hearsay* ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr. Silvio Camilleri).

25. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-***hearsay evidence*** ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar:

Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi *hearsay evidence* iżda jekk dak rapportat hux *hearsay evidence* jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun *hearsay evidence* u bħala tali inammissibbli iżda

jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx *hearsay evidence* u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali leġittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu jkun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra."

27. Illi għalhekk huwa ċar li *hearsay evidence* xorta hija ammissibbli bħala evidenza. Kif din il-Qorti diġa' qalet aktar 'il fuq, meta l-akkużat jilmenta dwar *hearsay evidence* huwa jkun qed jattakka l-valur probatorju tal-prova kkontestata minnu. Dwar dan din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fid-9 ta' April 2024 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Joseph Azzopardi** (Numru 26/2023/1) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"Minn dan it-tagħlim ġurisprudenzjali jirriżulta illi sta għall-Imħallef togat waqt il-ġuri sabiex jara illi ma jsirx abbuż u billi jikkontrolla x-xhieda u jispjega lill-ġurati rigward ir-regoli tal-*hearsay evidence*. Magħdud dan allura din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-eċċezzjoni sollevata mill-akkużat illi *a priori*, ix-xhieda minnu ndikati huma inammissibbli. Illi fuq kollox għalkemm l-akkużat jilmenta illi x-xhieda minnu ndikati jikkostitwixxu *hearsay evidence*, hu ma jindikax liema parti tax-xhieda huwa qiegħed isib oġġezzjoni għaliha u din il-Qorti ma tistax ċertament f'dan l-istadju teżamina l-atti bil-għan illi tagħmel apprezzament ta' dak li jingħad billi dan il-kompitu għandu jitħalla f'idejn il-ġurija popolari dejjem bis-salvagwardja illi kif ingħad

> jingħataw direzzjoni mill-Imħallef togat dwar l-ammissibbilita' o meno ta' xi partijiet mix-xhieda.[3]"

28. Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat u tapplikah għal eċċezzjoni in eżami, hija tinnota li l-istess raġunament japplika għal dokumenti. Għandu jingħad ukoll li anke kieku r-rapport in kwistjoni huwa *hearsay evidence* xorta waħda jkun ammissibbli.

29. Illi dwar dik il-parti tal-eċċezzjoni fejn jingħad li r-rapport mhux maħluf mid-Direttur, din il-Qorti tinnota li kien Dr. Ismael Buttigieg li ppreżenta l-inventarju tal-assi tal-akkużat b'dan illi huwa xehed in rappreżentanza tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi (*a fol.* 469 *et seq.* (Vol. III) tal-atti tal-kumpilazzjoni bin-numru 319/2021 ossia 236/2024). Dwar dan, din il-Qorti tinnota li l-Avukat Ġenerali għandu raġun meta jagħmel riferenza għad-definizzjoni tat-terminu "Direttur" f'Artikolu 2 tal-Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta liema definizzjoni tgħid hekk:

> ""Direttur" tfisser id-Direttur tal-Uffiċċju, u tinkludi membru tal-persunal tad-Direttorat debitament awtorizzat mid-Direttur u kuntrattur tal-Uffiċċju li jaġixxi taħt l-istruzzjonijiet tad-Direttur".

30. Illi minn qari tad-definizzjoni hawn fuq ċitata jirriżulta li Dr. Ismael Buttigieg seta' jixhed in rappreżentanza tad-Direttur in kwistjoni. Tenut kont ta' dan u tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fir-rigward tat-tielet eċċezzjoni jirriżulta li anke din l-eċċezzjoni għandha tiġi miċħuda wkoll.

**Ikkunsidrat**

[3] "Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Joseph Lebrun** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-31 ta' Jannar, 2018."

**<u>Parti A (Dwar l-Inammissibilita' ta' Provi fl-atti kumpilatorji bin-Numru 319/2021)</u>**

**<u>Ir-Raba' Eċċezzjoni</u>**

31. Illi fir-raba' eċċezzjoni l-akkużat jilmenta li s-separazzjoni tal-ġudizzju prevista fil-kodiċi tagħti diskrezzjoni totali u arbitrarja lil Avukat Ġenerali li b'għażla esklussiva tiegħu meta hemm plurarita' ta' Atti ta' Akkuża bħal dan il-każ huwa (l-Avukat Ġenerali) jitlob li dawn jiġu trattati bħala wieħed. Jisħaq li dan oġġettivament jiddeprivah mill-applikabbilita' ta' Att VI tal-2024 u li jirreka preġudizzju. Fis-sottomissjonijiet bil-fomm li nstemgħu quddiem din il-Qorti, il-Qorti ġiet mitluba mill-akkużat sabiex f'din is-sentenza tindirizza l-kwistjoni li l-emendi li daħlu fis-seħħ jew fil-liġi fir-rigward l-akkużi tal-ħasil ta' flus ma humiex applikabbli għal akkużi relatati ma' ħasil ta' flus fejn hemm involuti reati ta' droga. Jisħaq li teżisti inġustizzja minħabba l-inapplikabilita' tal-emendi riċenti f'dak li għandu x'jaqsam ma' ħasil ta' flus f'każijiet ta' droga u jargumenta li dan in-nuqqas ta' applikabilita' huwa leżiv tad-drittijiet fundamentali tiegħu.

32. Illi għal din l-eċċezzjoni l-Avukat Ġenerali jwieġeb billi jirrileva li l-Att tal-Akkuża u l-proċeduri kollha kumpilatorji kienu in linea ma' dak li tipprovdi l-liġi proċedurali. Huwa jisħaq li f'ebda stadju ma jista' jingħad mill-akkużat li hemm xi nullita'. Jgħid li dak li l-akkużat qiegħed iqajjem permezz tal-eċċezzjoni in eżami huwa li minħabba kif inhi redatta l-liġi, il-pożizzjoni tiegħu qiegħda tiġi preġudikata. Dwar dan jargumenta li l-eċċezzjonijiet huwa fir-rigward ta' ammissibilita' o meno ta' dak kollu li ġie prodott mill-Prosekuzzjoni fil-mori tal-kumpilazzjoni u/jew in-nullitajiet kif jipprefiġġi Artikolu 597(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Avukat Ġenerali jgħid li permezz ta' din l-eċċezzjoni l-akkużat ma huwa qed jindika l-ebda waħda minn dawn. Jisħaq li din il-Qorti ma għandhiex il-kompetenza sabiex tieħu pożizzjoni fir-rigward tiegħu.

33. Illi kif ingħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2024 (*a fol.* 976 (Vol. V) tal-atti tal-kumpilazzjoni bin-numru 319/2021 ossia 236/2024) il-Prosekuzzjoni talbu lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja li jkun hemm separazzjoni tal-ġudizzju bejn Yasmin Dimech u Justin Farrugia, liema talba ġiet milqugħa.

34. Illi dwar l-eċċezzjoni in eżami din il-Qorti tinnota li dak eċċepiet mill-akkużat fiha jirrigwarda l-emendi aktar favorevoli fir-rigward tal-ordnijiet ta' iffriżar fejn ikun hemm ir-reat ta' ħasil ta' flus hekk kif introdotti permezz ta' Att VI tas-sena 2024. Dwar it-talba li l-akkużat għamel lil din il-Qorti meta semgħet is-sottomissjonijiet bil-fomm sabiex hija tippronunzja ruħha fuq dak li huwa jsejjaħ bħala inġustizzja minħabba l-inapplikabilita' tal-emendi l-ġodda f'dak li għandu x'jaqsam ma' ħasil ta' flus f'każijiet ta' droga fejn huwa jsostni li dan huwa leżiv tad-dritt fundamentali tiegħu, din il-Qorti tinnota li hija ma hijiex kompetenti sabiex tiddikjara jekk fir-rigward ta' dak sostnut minnu hemmx lezzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu u dana peress li tali dikjarazzjoni għandha semmai ssir mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) jew mill-Qorti Kostituzzjonali.

35. Illi mill-Kapi tal-Att ta' Akkuża in kwistjoni jirriżulta li l-akkużat ġie akkużat, fost l-oħrajn, b'reati kontra Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll b'reati kontra Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta. Stante dawn il-Kapi tal-Att ta' Akkuża allura japplika l-*proviso* ta' Artikolu 23A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "Iżda dak stipulat hawn fuq ma għandux japplika meta persuna tkun imputata jew akkużata b'reat kontra d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jew tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi kemm jekk l-akkużi jkunu biss ta' reati kontra dawk il-liġijiet kif ukoll jekk ikunu ta' reati kontra dawk il-liġijiet u reati kontra liġijiet oħra:

[…]."

36. Illi dwar dan il-*proviso* din il-Qorti tagħmel riferenza għad-Dibattiti Parlamentari li saru dwar Artikolu 23A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dana sabiex wieħed jqies x'kienet ir-rieda tal-leġislatur f'dan ir-rigward. B'mod partikolari ssir riferenza għal Laqgħa Nru. 34 tal-Erbgħa 24 ta' Jannar 2024 minn liema jirriżulta li ngħad hekk:

> "**Onor. Jonathan Attard**: Nagħti spjegazzjoni qasira. L-iskop tas-sostituzzjoni tal-artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali huwa li l-Ordnijiet ta' Ffriżar jiġu regolati mill-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità ħlief fil-każijiet ta' droga fejn l-Ordni ta' Ffrizar ikun regolat mil-liġijiet appożiti, Kap. 31 u Kap. 101. Fejn akkużi ta' *money laundering* u ta' droga jingħataw flimkien, l-Ordni ta' Ffrizar ikun regolat taħt il-liġijiet tad-droga biss. Jiġifieri għandna żewġ xenarji differenti fejn ikollok żewġ akkużi, waħda marbuta ma' traffikar tad-droga u l-oħra marbuta ma' *money laundering*, u f'dawn iċ-ċirkostanzi se tkun applikata l-liġi kif inhi attwalment qabel ma tinbidel, ġaladarba hemm l-element tar-reat tad-droga.
>
> **Iċ-Chairperson:** L-Onor. Zammit Lewis.
>
> **Onor. Edward Zammit Lewis:** Japplika r-regime iktar strett biex ngħidu hekk.
>
> **Onor. Jonathan Attard:** Regime iktar strett, korrett. Qed jiddaħħlu wkoll definizzjonijiet ta' "reat relevanti", ta' "rikavat" u ta' "proprjeta'" li jkunu japplikaw għall-artikoli 23A sa 23D mingħajr ma joqogħdu jiġu ripetuti f'kull artikolu bħalma hi s-sitwazzjoni preżenti li jidher li rriżultat minn proċess gradwali ta' emendi matul is-snin."

37. Illi minn qari ta' dak appena ċitat jirriżulta li r-rieda tal-leġislatur kienet li meta jkun hemm involviment ta' reat marbuta kemm ma' sustanzi illeċiti u kif ukoll ħasil ta' flus, l-emendi introdotti permezz tal-Att VI tal-2024 ma għandhomx japplikaw. Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti li kieku l-Avukat Ġenerali kellu joqgħod jispezzetta l-proċeduri sabiex l-akkużat ikun jista' jibbenefika mir-reġim aktar favorevoli għalih ikun qed imur kontra r-rieda tal-leġislatur f'dan ir-rigward.

38. Illi b'hekk isegwi li anke r-raba' eċċezzjoni tal-akkużat qed tiġi miċħuda wkoll.

**Ikkunsidrat**

**<u>Parti B (Dwar l-Inammissibilita' ta' Provi fl-atti kumpilatorji bin-Numru 404/2019)</u>**

**<u>L-Ewwel Eċċezzjoni</u>**

39. Illi fl-eċċezzjoni in eżami l-akkużat jeċċepixxi l-inammissibilita' u l-konsegwenti sfilz mill-atti proċesswali tal-Proċess Verbal intitolat "Fl-atti tal-Inkjesta dwar arrest ta' ċertu Justin Farrugia (I.D. 228891(M)) wara sejba ta' madwar 23kgs kannabis u 100g kokajina nhar it-tmienja (8) ta' Lulju 2019" (*a fol.* 84 *et seq.* (Vol. I) tal-atti tal-kumpilazzjoni bin-Numru 404/2019) fl-intier tiegħu, inkluż it-testimonjanza tal-esperti hemm debitament maħtura u tar-relazzjonijiet minnhom ippreżentati u dana peress li jisħaq li l-Maġistrat Inkwirenti naqset milli taċċedi fuq il-lok tad-delitt.

40. Illi għal din l-eċċezzjoni l-Avukat Ġenerali jwieġeb billi jispjega li l-liġi nostrana ma tħaddanx il-prinċipju tal-*fruit of the forbidden tree*, li tirrendi illegali kull ħaġa li hija emanenti minn evidenza miksuba b'mod illegali. L-Avukat Ġenerali jisħaq li dan ifisser li l-fatt li l-Maġistrat Inkwirenti naqset li taċċedi personalment fuq il-lok tad-delitt ma jrendix il-Proċess Verbal bħala wieħed inammissibbli.

41. Illi din il-Qorti ma taqbilx mal-eċċezzjoni in eżami u f'dan ir-rigward tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-28 ta' Lulju 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Theresa Agius** (Numru 524/2013) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) qalet hekk:

> "Illi fl-ewwel aggravju mressaq minnha, l-appellanti tqanqal l-irregolarita' u kwindi l-inammissibilita' tal-proċess verbal bħala prova u dan għaliex dan ma kienx redatt fit-termini tal-liġi bil-Maġistrat Inkwirenti jonqos milli jżomm aċċess fuq il-post hu stess u li jistabbilixxi l-fatti rilevanti fl-istħarriġ dwar l-*in genere*. Tikkontendi illi n-nomina mill-Maġistrat Inkwirenti tal-iSpettur Spiridione Zammit sabiex *"iżomm aċċess minnufih u jistabbilixxi l-fatti rilevanti u jirrelata bil-miktub fi żmien tletin jum"* kienet waħda li tmur kontra d-dettami tal-Kodiċi Kriminali u li għalhekk l-Ewwel Qorti kellha tiddikjara li dak kollu li rriżulta mill-atti tal-inkjesta, inkluż ir-rapporti tal-esperti maħtura u d-dokumenti elevati, huwa legalment monk, difettuż u għalhekk inammissibbli.
>
> Illi, il-Kodiċi Kriminali jirregola l-proċedura dwar l-*in genere* fl-Artikoli 546 *et sequitur*, liema dispożizzjonijiet tal-liġi jistabbilixxu illi jrid isir l-istħarriġ dwar l-*in genere* kull meta jsir rapport, denunzja jew kwerela dwar reat li jġorr piena ta' 'il fuq minn tlett snin priġunerija. Il-Maġistrat Inkwirenti għandu s-setgħa li jinvestiga billi jara li tiġi mqiegħda fiż-żgur ix-xena tad-delitt u li tiġi ppreservata l-evidenza billi fost oħrajn jinħatru esperti forensiċi sabiex jinġabru dawk il-provi diretti jew indiretti jew indizzji rilevanti marbuta mal-*in genere* għal kxif tal-verita'. Wara dan il-Maġistrat ikun jista' jasal biex jistabbilixxi jekk fuq bażi *prima facie* din l-evidenza hekk ippreservata tkunx tista' twassal għal prosekuzzjoni ta' xi reat *in specie* u jekk minn dan l-istħarriġ tistax tirriżulta xi persuna jew persuni li kontra tagħha/hom tista' tiġi varata l-azzjoni penali. Dan kollu

l-Maġistrat jirrediġieh fil-*proces verbal* illi fil-Qorti imbagħad jista' jinġieb bħala prova fis-smigħ tal-każ.[4]

Illi, l-appellanti ssib oġġezzjoni għal din il-prova hekk magħmula għaliex, fil-fehma tagħha, ma kienx hemm ottemperanza bi sħiħ mal-kelma tal-liġi u senjatament dak maħsub fl-Artikolu 547 tal-Kodiċi Kriminali meta l-"*aċċess*" ma sarx mill-Maġistrat, iżda minn Spettur tal-Pulizija. Illi minn eżami tat-test ingliż tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jitkellmu dwar l-istħarriġ dwar l-*in genere*, tintuża l-kelma "*inquest*" li tradotta għall-ilsien Malti tfisser l-istħarriġ ġudizzjarju sabiex jkunu stabbiliti l-fatti kollha relatati ma' inċident. Issa dan l-istħarriġ ġudizzjarju jsir, kif ingħad, kull meta l-Inkwirenti jaħtar dawk l-esperti kollha li fil-fehma tiegħu jkunu jistgħu jassistuh fl-*in genere* u minn hemm tiġi mnehdija l-inkjesta u ċjoè *the inquest*, mmexxija mill-Inkwirenti. Fil-fatt l-Artikolu 548 jkompli jiddisponi hekk:

> **"Fl-aċċess għandhom jinġiebu l-periti li jinħtieġu, u ta' dan l-aċċess għandu jsir proċess verbal."**

Illi, ukoll l-Artikolu 549 jgħid li:

> **"Il-proċess verbal għandu jiġi ffirmat mill-maġistrat jew minn uffiċjal li jkun għamel l-aċċess."**

Illi, jiġi nnutat li l-periti maħtura mill-Maġistrat Inkwirenti, bl-eċċezzjoni tal-iSpettur Zammit, kienu t-tnejn li huma esperti fil-materja li fiha jispeċjalizzaw u apparti minn hekk ma kellhom l-ebda inkarigu sabiex jisimgħu x-xhieda bil-ġurament. Di fatti, PS 644 Evan Camilleri sempliċiment ħa sett ritratti ta' *evidence bag*

[4] "Artikolu 550 tal-Kodiċi Kriminali."

issiġillata kontenenti s-sustanza illeċita misjuba, filwaqt li l-iSpiżjar Godwin Sammut eżamina l-istess u kkonstata l-presenza ta' sustanzi pprojbiti bil-liġi. Sussegwentement, ir-relazzjoni ta' l-Ispiżjar Godwin Sammut ġiet inserita fil-*proces verbal* hekk kif tirrikjedi l-liġi filwaqt li r-relazzjoni ta' PS 644 Evan Camilleri ġiet ippreżentata *seduta stante* quddiem l-Ewwel Qorti meta huwa ddepona fil-qorti. Tajjeb jingħad li dawn iż-żewġ esperti t-tnejn li huma xehdu *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti fir-rigward tar-rapporti minnhom redatti – l-Ispiżjar Godwin Sammut nhar id-9 t'Ottubru 2015, filwaqt li PS 644 nhar l-1 ta' Marzu 2017 – u għalhekk id-difiża qatt ma ġiet ipprivata mid-dritt tal-kontro-eżami ta' dawn ix-xhieda b'mod li għalhekk kellha kull opportunita' tikkontrolla l-konklużjonijiet minnhom raġġunti fir-rapporti tagħhom u li għalhekk tistabilixxi jekk setax kien hemm xi rregolarita' fil-mod kif tmexxa dan l-istħarriġ. Fuq kollox s-sub-artikolu (5) ta' l-istess Artikolu 550 tal-Kodiċi Kriminali jispeċifika illi:–

> **"Il-proċess verbal għandu jitqies li jkun magħmul regolarment jekk ikun fih fil-qosor ir-rapport, id-denunzja jew il-kwerela, lista tax-xhieda mismugħa u l-provi miġbura, u paragrafu finali li jkun fih il-konklużjonijiet tal-maġistrat inkwirenti."**

Illi din id-dispożizzjoni tal-liġi xxejjen il-preġudizzjali sollevata billi n-nuqqas mill-Maġistrat Inkwirenti li jżomm aċċess, u dan skont l-interpretazzjoni mogħtija lil dan it-terminu mill-appellanti, ma jġibx fix-xejn il-*proces verbal*. Illi minn eżami tal-atti tal-*proces verbal* jidher li hemm ottemperanza ma' din id-dispożizzjoni tal-liġi sabiex b'hekk in-nullita' ravviżata hija waħda infondata. Mhux biss, iżda għalkemm il-*proces verbal* regolarment magħmul jikkostitwixxi prova fih innifsu, madanakollu xejn ma jżomm lil Qorti milli tisma' l-periti u x-xhieda li jkunu nstemgħu matul l-inkjesta:

> **"Il-qorti għandha wkoll is-setgħa li tordna, għall-istess effett, li jinġieb kull wieħed mill-periti jew mix-xhieda l-oħra li mill-proċess verbal ikun jidher li ġie mismugħ fl-aċċess; u, għaldaqshekk, dan il-perit jew xhud għandu, fil-każijiet kollha ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali, jiġi mdaħħal fil-lista tax-xhieda tal-Avukat Ġenerali, sabiex jiġi mismugħ, jekk ikun hemm bżonn."**

Illi l-Qorti tinnota finalment illi matul il-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, għalkemm tqajmu diversi lanjanzi minn naħa tad-difiża, madanakollu l-ebda lment ma tressaq dwar l-ammissibbilita' tal-*proces verbal* bħala prova in atti. Huwa odjuż li tali lanjanza titqajjem imbagħad fl-istadju ta' reviżjoni, meta issa l-Qorti għandha idejha marbuta bl-irregolarita' lanjata li ma tistax tiġi issanata.

Illi jerġa' jiġi rilevat illi ġaladarba l-proċess verbal *de quo* ġie magħmul regolarment u ġaladarba l-esperti maħtura fil-kors tal-inkjesta maġisterjali t-tnejn li huma reġgħu ittellgħu jixhdu *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti, b'rispett lejn il-kontradittorju, l-ebda rregolarita' jew inammissibbilita' ma tirriżulta.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, l-ewwel aggravju qed jiġi miċħud."

42. Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat, u meħud in konsiderazzjoni dak ikkunsidrat aktar 'il fuq minnha fir-rigward tal-eċċezzjoni in eżami jwassalha sabiex tiċħad l-istess eċċezzjoni.

**Decide**

43. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-akkużat.

44. Finalment, din il-Qorti tħalli l-kawża *sine die* sakemm ikun magħruf l-eżitu ta' xi appell eventwali li jista' jitressaq skont il-liġi.

---

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

---

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**